# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 T' APRIL 2002

**Avviz Nru 716/99DM**

**Angelo Desira u martu Mary Helen**

**Vs**

**Ancel Farrugia Mingeco u martu Nazzarena**

### Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas ta' somma ta' disa mija u sebgha u erbghajn lira Maltin (Lm947) rapprezentanti l-valur tas-sehem minnhom dovut lill-atturi ghall-appogg li huma pprattikaw bil-bini taghhom fi plot numru sitta u erbghajn (46) Triq il-Port Ruman mall-bini tal-atturi fi plot sebgha u erbghajn (47) fl-istess Triq.

Bl-ispejjez u bl-imghax inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Gunju 1998 u tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Ottubru 1998 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew illi:

1 It-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom peress illi l-ammont mitlub ma jirrispekkjax il-valur reali tal-hajt li l-eccipjenti sabu affett kif kien minn diffetti;

2 In oltre l-atturi sporgew bil-pedamenti ghal fuq il-proprjeta’ ta’ l-eccipjenti li konsegwentement tilfu area sostanzjali mill-proprjeta taghhom, u l-eccipjenti kienu ghalhekk kostretti anki biex ma jaghmlux hsara lill-istess atturi biex jibnu hajt separat.

3 Barra minn hekk l-atturi naqsu li jissostanzjaw b’ricevuti l-hadid allegatament uzat minnhom fil-pedamenti.

4 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi

Rat id-digriet tal-5 ta’ Novembru 1998 fejn gie nominat l- A.I.C. Joseph Mizzi bhala perit tekniku.

Rat ir-rapportipprezentat fis-26 t’Ottubru 2001.

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet:

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat::

Illi l-kwistjoni principali bejn il-kontendenti ma tirrigwardawx direttament id-dritt li l-attur jithallas nofs il-valur tal-hajt divizorju li mieghu appogga l-konvenut, izda tirrigwarda l-allegazzjonijiet tal-konvenut illi l-valur tal-hadid indikat mill-attur huwa ezagerat, peress illi ma ntuzax dak l-ammont ta' hadid fil-pedament, waqt li, minhabba illi l-koncrete ma giex moghti skond l-arti w is-sena, biex jirrimedja ghall-koncrete li sporga fil-proprjeta tieghu, l-konvenut sofra danni, li taghhom ghandhu jigi kkumpensat

Il-perit tekniku evidentement ikkoncentra fuq dawn l-aspetti tal-kwistjoni u wara li zamm access u semgha l-partijiet, ikkonkluda illi l-attur kien gustifikat illli jitlob kumpens tal-hadid indikat fl-istima tal-perit Gerald Debono billi l-perit inkarigat ghall-kostruzzjoni, il-perit Randolf Bartoli, kien ikkonferma l-bzonn ta' daqs tant hadid fil-pedament.

Ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tal-konvenut dwar id-danni li sofra minhabba illi l-koncrete tal-pedament sporga ghal fuq il-proprjeta tieghu, il-perit tekniku wara li ezamina c-cirkostanzi kollha tal-kaz, kompriz l-ezami tal-fondi respettivi waqt l-access, ikkonkluda illi  ma rrizultawzx provi bizzejjed dwar l-allegazzjoni tal-konvenut.

Ghaldaqstant il-perit tekniku kkonkluda illi l-attur huwa gustifikat fit-talba tieghu u ghandhu jithallas is-somma mitluba ta' disa mija u sebgha u erbghin lira Maltin (Lm947).

Wara li l-Qorti hadet ukoll in kunsiderazzjoni d-deposizzjoni tal-istess perit tekniku AIC Joseph Mizzi imsejjah in eskussjoni fl-24 ta' Jannar 2002, issib illi ma tirrizulta ebda raguni valida ghaliex hi ghandha tvarja l-konkluzzjonijiet teknici peritali u ghalhekk tiddikkjara li qieghdha taqbel ma dawn l-istess konkluzzjonijiet u tadottahom u tghamilhom taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talba attrici tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' disa mija u sebgha u erbghin lira Maltin (Lm947) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghax legali mit-18 ta' Mejju 1999;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia
Dep.Reg. Civil 34